Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Numru. 37/2002

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Jeffrey Azzopardi)
(Spettur Antonello Grech)

VS

Allan Grima, ta' 19-il sena, bin Anthony u Anna nee' Borg, imwieled Pieta' fis-26 ta' Dicembru, 1982, u li joqghod Block 8, Flat 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rinella, Kalkara, Malta, ID card No. 115783 M)

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli fil-31 ta' Awissu, 2002, wara nofs inhar ghal habta ta' 2.00 p.m. mir-Rabat, Ghawdex, ikkommetta serq ta' karrozza tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni FBF-754 li tiswa aktar minn LM100 izda


Qrati tal-Gustizzja

anqas minn LM1000 ghad-dannu ta' Edward Gatt u/jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u xorta tal-haga misruqa .

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'imitation jewellery', pager, u mus li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-fondazzjoni Oasi li hija sitwata gewwa Ghawdex u/jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u valur .

Talli fl-istess gurnata, f'diversi nhawi kemm f'Ghawdex kif ukoll f'Malta, wara nofs-inhar saq karrozza tal-ghamls Daihatsu Bin-numru tar-registrazzjoni FBF 754 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaldaqs tant minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghal terzi persuni .

Talli fl-istess gurnata fic-Cirkewwa Malta, wara nofsinhar kkawza hsara involontarja liema hsara jiskorri Lm500 ghad-dannu ta' Edward Gatt u/jew terzi persuni .

Talli kemm f'Ghawdex kif ukoll f'diversi bnadi f'Malta zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija .

fl-ahhar nett talli huwa ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali ta' l-istess imputat .

Rat l-artikli ta' l-avukat generali li jgibu d-data tad-19 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), illi permezz taghhom l-istess avukat generali deherlu illi mill-kumpilazzjoni tista' tinstab htija that dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261 (b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ;

(b) fl-artikoli 2612(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278 u 279 tal-Kodici Kriminali ;

(c) fl-artikoli 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) Fl-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali ;

(e) fl-artikolu 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(f) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali ;

(g) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti hawn fuq imsemmija .

Semghet lill-ispettur Antonello Grech jiddikjara li l-pulizija ma ghandhiex provi aktar .

Semghet lill-imputat jghid li ma jsib ebda oggezzjoni li din il-kawza tinqata minn din l-istess qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Semghet lill-istess imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti .

Il-Qorti ghal hekk, in vista ta' din l-ammissjoni, tenut kont tal-gravita' ta' l-akkuzi li bihom gie akkuzat, tenut kont ukoll tal-fedina penali ta' l-istess imputat,

Issibu hati, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija li minnhom ghandhom jinqata' z-zmien kollu li huwa inzamm that arrest preventiv,

Timmultah is-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250), u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum, b'dana illi l-multa ta' mitejn u hamsin lira ghandha tithallas bir-rata ta' hamsin lira (Lm50), fix-xahar, b'dana wkoll illi l-imputat malli jiskonta

s-sentenza tieghu, ghandu jibda programm ta' rijabilitazzjoni ghal problema li huwa ghandu tad-droga .

Iz-zmien ghal hlas tal-multa naturalment ghandhom jibdew jghoddu minn meta jiskonta s-sentenza tal-habs .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------